MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Numru. 1069/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**RAYMOND PARNIS**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Parnis, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 090660 (M).

**Akkuzat talli:**

F’gewwa Triq San Tumas Chetcuti, Birkirkara u f’bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer Maltin nhar it-2 ta` Novembru, 2008 ghal habta tas-sitta u kwart ta` filghodu (06:15am):

i. Ghamel hsara volontarja ghad-dannu ta` Maria Parnis li ghandha numru tal-karta tal-identita` 0467462 (M), u terzi persuni ohra, f’vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAR 763 u fil-bieb tad-dar numru 143, ‘Casa Madonnina’, Triq San Tumas Fenech, Birkirkara, liema ammont tal-hsara hu izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

ii. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Maria Parnis, l-ulieda (Maria *Junior* u Alexania) u terzi persuni ohra biza` li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu tikkagunalhom biza;

iii. Gab ruhu b’tali mod li taha fastidju lil Maria Parnis, membri tal-familja u terzi persuni ohra, b’mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta` fastidju ghal persuni taghhom;

iv. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat;

v. Qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

vi. F’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b’mod li ma setax jiehu hsieb tieghu innifsu;

vii. Talli kiser obbligazzjoni ta` mija u hamsin euro (€150) ghas-sigurta` ta` l-persuna u biex jinzamm il-bon ordni skont l-Artikolu 383 (1) tal-Kodici Kriminali lejn Maria Parnis datata 12 ta` Frar, 2008 ghal terminu ta` tnax il-xahar (12) moghtija mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli, LL.D.;

viii. U aktar talli sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi huma definittivi;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta` Maria Parnis, u membri tal-familja u torbot l-imputat Raymond Parnis b'dawk il-kundizzjoniiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta protezzjoni a terminu tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta` Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza u rat il-fedina penali;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti, dwar il-hlas, wara li rat l-Artikoli rikjesti mill-Ligi, wara li semghet il-provi, wara li rat id-dokumenti esebiti, tillibera l-imputat mill-ewwel akkuza, issibu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, r-raba` u l-hames. L-ewwel akkuza kkaguna hsara, t-tieni, t-tielet, ir-raba`, l-hames u s-sitta jirrizultaw s-sebgha u t-tmienja tar-ricediva jigi lliberat. L-imputat qieghed jobbliga ruhu ghal kull bon fini stante li llum ic-cirkustanzi huma differenti minn dawk li kienu fl-2008 illi bl-ebda mod ma jkellem, idejjaq jew jimmolesta lil Maria Parnis ghal l-ebda raguni u dan ghal penali ta` elf ewro (€1,000) fin-nuqqas a tenur tal-Artikolu 383, min-naha l-ohra waqt li din il-Qorti qedgha ssibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra qedgha tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reati ohra ghal zmien sentejn (2) millum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------